MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## MARIA KARLSSON

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2008

Talba Numru. 512/2008

**Mobisle Communications Limited (C 24655)**

**vs**

**Mark d'Agostino**

**It-Tribunal;**

Ra l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet hlas ta' mitejn, hamsa u disghin Ewro u ghoxrin centezmu (€295.20) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lis-socjeta' attrici skond Client Contract Number 1016982 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta' attrici u dana fix-xhur bejn Lulju, 2007 u Dicembru, 2007.

Bl-ispejjez, inkluzi ta` l-ittra ufficjali tat-30 ta’ April, 2008 dawk tal-mandat ta’ sekwestru pprezentat kontestwalment ma` dana l-Att, dawk ta` l-ittra ufficcjali lil banek relattiva ghall-imsemmija mandat u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa’ ma pprezentax risposta fit-terminu rikjest bil-ligi, ghalkemm debitament notifikat.

Ra illi l-konvenut deher ghas-seduta tad-29 ta’ Settembru, 2008 u ta ruhu b’notifikat u nghata gimgha zmien sabiex jirrispondi.

Ra illi l-konvenut qatt ma ntavola risposta u l-anqas ma deher ghas-seduta tas-6 ta’ Ottubru, 2008. Il-konvenut gie msejjah tlett darbiet.

Ra illi gie prezentat Kapitolu fis- 6 ta’ Ottubru, 2008 mill-PL Peter Sammut u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ra li l-konvenut naqas li jikkontesta l-kawza.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici, bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------